**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 450/97

Oscar Zammit

vs

Korporazzjoni Telemalta u b'digriet tad-29 ta' Dicembru, 1998 Maltacom p.l.c.

Illum 4 ta' Lulju, 2001.

**RIKORS:**

It-Tribunal,

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi nghata trasferiment ingust u diskriminatorju mill-post tax-xoghol tieghu sebghin gurnata wara l-Elezzjoni tal-1987, u b'konsegwenza ta' dan garrab umiljazzjoni u danni.

Illi huwa kien fil-1987 Head of Section f' B'kara International Telephone Maintenance Section (Multipex) u wkoll 'in charge' mill-Malta-Sicily International Microwave System, u kien

responsabbli minn seba' technicians. Kien ilu jokkupa l-post imsemmi mill-1977.

Illi fl-20 ta' Lulju 1987, ir-rikorrent, minghajr ma inghata spjegazzjoni jew raguni, gie ittrasferit ghal Benghajsa Maritime Transmitting Station, fejn ma inghata ebda xoghol x'jaghmel.

Illi di piu', f'Benghaisa, 'in charge' kien hemm Technical Officer II, meta r-rikorrent kellu l-grad ta' Technical Officer III.

Illi inoltre, f'Benghajsa, kienu jintbaghtu impjegati li joqghodu vicin, u l-aktar 'l boghod, kienu mill-Fgura, fil-waqt li r-rikorrent kien joqghod San Gwann. Illi r-rikorrent thalla ma jaghmel xejn f'Benghajsa sa kemm spicca bl-eta' tal-pensjoni f'Jannar 1993.

Illi dak it-trasferiment tar-rikorrent kien ingust u diskriminatorju u ghamillu hsara psikologika u dannu finanzjarju.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jinvestiga l-ilment imsemmi skond l-Att VIII tal-1997, u jiddikjara li r-rikorrent garrab ingustizzja meta fil-1987 gie ittrasferit ghal Benghajsa, taht persuna ta' grad inferjuri, u thalla ghal numru ta' snin ma jaghmel xejn, u li t-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li jaghti lir-rikorrent rimedju xieraq biex jaghmel tajjeb ghall-ingustizzja u ghall-hsara u dannu li r-rikorrent garrab.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Telemalta li eccepiet:-

1. Illi l-korporazzjoni ma ghamlet ebda ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent fit-termini tal-ligi.

2. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrent huma infondati u t-trasferiment tieghu sar regolarment fil-kors normali tax-xoghol tal-korporazzjoni.

3. Illi f'kull kaz ir-rikorrent ma bata ebda danni jew hsara kif allegata minnu.

4. Ghaldaqstant il-Korporazzjoni talbet li dan it-Tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda prezentata mis-socjeta` intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ikkonferma l-fatti kontenuti fir-rikors. Zied li gurnata minnhom, kien il-Gimgha, kien cempillu Tony Rizzo, Head of External Telecommunications u kien qallu li mit-Tnejn

ta` wara kien trasferit ghal Benghajsa. Ir-rikorrent talbu jaghtihielu bil-miktub u hu qallu li ma jista` jaghtih xejn bil-miktub ghax hu ma kellux bil-miktub izda direzzjoni li kien ircieva u qallu biex jirrapporta ghand Charles Pisani li huwa Technical Officer 2 u cioe` bniedem bi grad anqas mir-rikorrent. Kellu jmur hemmhekk u dam zmien bla skrivanija ma jaghmel xejn. Xehed "Inzid nghid li fil-fatt kawza ta` dan jiena kont inbati anke minn depressjoni, tqum filghodu inkwietat, m` ghandekx ix-xoghol li suppost ghandek, kif ukoll li tlift anke allowances bhal meta kienu gew Gorbachev u Bush u shabi kienu hadu allowances u jiena bqajt minghajrhom kif ukoll anke tlift chances ghal-promozzjoni."

Daniel Gauci ISNT Division Co-Ordinator mal-Maltacom xehed li bejn l-1982 sa xi 1997 kien Benghajsa fis-sezzjoni tal-Maltacom. Kien beda bhala apprentist technician, fl-1987 Tech 1 u mbaghad bir-riforma sar Senior Technical Officer. Dak iz-zmien kien imexxi s-sezzjoni s-Sur Charles Pisani li kien fl-ghola grad bhala Officer In Charge hemmhekk. Lir-rikorrent propjament ftakru Benghajsa u kien rank ghola kemm minnu kif ukoll minn Pisani. Lir-rikorrent jiftakru ma jaghmel xejn fis-sens li jew ihares jew jaqra l-gazzetta u dan mhux ghax ma riedx jaghmel hu izda fis-sens li ma kienx ikollu xoghol x` jaghmel. Ir-rikorrent qatt ma inghata overtime. It-technicians l-ohra kien jinghatalhom minn zmien ghal zmien.

Anthony Rizzo li fl-1987 kien jahdem mat-Telemalta Corporation bhala Head of external telecommunications semma li r-rikorrent dak iz-zmien kien jahdem International

Transmission Multiplex Centre u kien in charge mis-section, in charge mil-link Malta - Sqallija. Fl-1987 kienet giet moghtija ordni biex ir-rikorrent jispicca trasferit post iehor. Din giet permezz ta` movement sheet mill-management u hu kien spicca trasferit ghal Benghajsa, fit-Transmitting Station ta` Benghajsa.

Ix-xoghol mhux l-istess tip ta` xoghol. Il-procedura ghat-transfer kienet permezz ta` trasfer sheet. Ma giet moghtija ebda spjegazzjoni ghaliex sar it-trasferiment. Dan it-trasferiment ma kienx minn naha tieghu.

Joseph Mallia Technical Executive mal-Maltacom wara li ra l-file xehed li hemm dokument minghand il-General Manager li jghid "the following staff movements are to take place with immediate effect from Monday 28th July 1987." Mill-file ma tirrizulta ebda raguni, u anqas ma jirrizulta mir-records tal-Maltacom ragunijiet ghal dawn it-transfers.

Meta tiehu l-hatra dejjem kien hemm mimnizzel fit-Telemalta llum Maltacom id-dritt tal-kumpanija li ghall-esigenzi tas-servizz tista` tittrasferik minn naha ghal ohra. Mistoqsi dwar jekk jirrizultax b` xi mod li kien hemm l-ezigenzi tas-servizz li jitolbu t-transfer ma setghax jghid. Biex isir trasferiment ikun hemm l-approvazzjoni tal-General Manager.

**KONKLUZZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent wara l-elezzjoni tal-1987 kien trasferit ghal Benghajsa u kellu jirrapporta ghand Charles Pisani li kellu grad anqas mir-rikorrent. Hu ma giex moghti raguni bil-

miktub izda t-transfer sar skond Movement Sheet. Kellu jmur hemmhekk u dam zmien bla skrivanija ma jaghmel xejn ghax ma giex allokat xoghol. Kawza ta' dan tilef shift allowances u chances ghal-promozzjoni. Ir-rikorrent qatt ma inghata overtime. Ix-xoghol ta' Benghajsa mhux l-istess tip ta` xoghol bhal dak li r-rikorrent kien jahdem qabel. Ma giet moghtija ebda raguni ghat-transfer.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa fil-kaz in ezami ma inghatat ebda raguni ghaliex l-esigenzi tas-Servizz irrikjedew hekk. Irrizulta li zgur ma kienx hemm esigenzi ghax infatti r-rikorrenti lanqas biss inghata ebda

xoghol. Kawza ta' dan tilef allowances, overtime, chances ta' promotion, apparti d-dwejjaq kontinwu.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat. Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' tlett telef lira [LM3000].

Spejjez kontra l-intimat.